KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sitta u Erbgħin (46)***

***It-Tlieta, 12 ta' April, 2022***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

## MINUTI

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa. Il-Laqgħa bdiet fis-5.45pm

**46.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

46.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

46.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 45 li nżammet nhar it-Tlieta, 15 ta' Marzu, 2022.

46.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 45 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

46.2.3 **Mozzjoni 46-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 45.

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Minuti Numru 45 ġew approvati unanimament.

**46.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

*A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 46 (08) – April 2022*

46.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 46(08) permezz cheque numru 7189 (ref. 10319) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10308 sa 10337 li jammontaw €54,608.71

46.3.2 **Mozzjoni 46-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 46(08) bl-ammont ta' €54,608.71

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 46(08) ġiet approvata unanimament.

**46.4 Jum Ħal Għaxaq**

46.4.1 Is-Sindku Darren Abela ppropona li għal Jum Ħal Għaxaq issir quddiesa fil-Knisja ta' Santu Kristu u wara jsir ir-Riceviment fil-kamra tal-Knisja stess. Dwar dan il-Kunsill qabel.

46.4.2 Rigward it-Tberik tal-annimali, is-Sindku qal li s'issa ma ġiex avviċinat mill-organizzatur li s-soltu jorganizza dan it-tberik. Għaldaqstant se jkun qed ikellmu biex jara hux interessat li jorganizza din l-attivita'.

46.4.3 Is-Sindku Darren Abela fetaħ diskussjoni żgħira dwar l-għotja ta' Ġieħ Ħal Għaxaq fejn informa li ma tressqu ebda nomini. Għaldaqstant ġie propost li jingħata rikonoxximent tal-kontribut li taw fil-lokalita' tagħna, is-Sinjura Rose Vella, tal-ħidma tagħha fiż-żminijiet tal-Milied biex kull sena jkollna tiżjin ġdid fil-Pjazza, filwaqt li jingħata rikonoxximent ieħor lis-Sur Twanny Vella, tal-kontribut tiegħu biex isir il-Monument tal-Annimali. Din il-proposta ġiet approvata unanimament.

**46.5 Korrispondenza**

46.5.1 Tressqet korrispondenza sabiex il-Kunsill jikkonferma is-siti fejn se jsiru l-Parking tac-*charging points*. Il-Kunsill ikkonferma li fi Triq id-Dejl għandha titpoġġa maġenb ic-*charging point* l-oħra tal-kumpanija GOTO. Fi Triq il-Barbazzal issir fil-*parking area* maġenb il-grawnd. Dwar dan il-Kunsill approva.

46.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tender tal-garaxx għalaq u kien hemm offerta waħda mitfugħa li ġġib il-prezz ta' €40,000 flimkien ma kirja ta' garaxx għal sentejn. Għaldaqstant se tkun qed tinbeda l-evalwazzjoni.

46.5.3 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-proġett ta' Santu Rokku fejn qal li sabiex napplikaw għall-fondi il-Kunsill għandu bżonn diversi dokumenti mingħand il-Perit, li fil-laqgħat preċendi il-Kunsill kien qabel li jibqa' jagħmilha il-Perit Marvin Ellul. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandu jingħata *deadline* sal-ahhar tax-xahar biex jintbagħtu d-dokumenti kollha. F'każ li dawn ma jintbagħtux, il-proġett jitkompla mill-Perit il-ġdid.

46.5.4 Tressqet kwotazzjoni sabiex jitkompla l-*accounts* sakemm tinħareġ sejħa għal *accountants* ġodda. Il-kwotazzjoni hija ta' €1200+ VAT. Il-Kunsill approva.

46.5.5 Tressqu diversi ilmenti dwar it-tindif u l-knis. Din il-materja telgħet diversi drabi fil-laqgħat tal-Kunsill u nħarġu diversi default notices fil-konfront tal-kuntrattur. Jidher li s-servizz xorta għadu mhux jilħaq l-aspettattivi tal-Kunsill. Għaldaqstant f'dan l-istadju, il-Kunsill iddeċieda li jittermina l-kuntratt u tinħareġ sejħa oħra għall-kuntrattur ġdid. Is-Sindku qal li għandu jinħadem pjan dwar meta se jiġi tterminat minħabba li ġejjin ħafna attivitajiet li jirrikjedu ħafna tindif. Sadanittant se tkun qed issir laqgħa mal-Cleansing

biex nitolbu stima għat-tindif fl-attivitajiet kif ukoll tindif ġenerali sakemm jinħareġ it-tender u jiġi evalwat.

46.5.6 Is-Sindku Darren Abela qal ukoll li se jagħmel Laqgha mal-pulizija sabiex jiġu diskussi l-attivitajiet tal-festi.

## 46.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

46.6.7 Is-Sindku Darren Abela qal li r-Reġjun se jkun qed joħroġ sejħa għall-Kunsill sabiex jipparteċipaw fi proġett pilota għal skips taħt l-art għall-skart organiku. Il-Kunsill qabel li meta toħroġ l-iskema jipparteċipa.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa, il-Kunsillier Keith Fenech talab li jkun skużat.*

46.6.8 Is-Sindku Darren Abela ressaq suġġeriment sabiex il-camera tal-Bypass nitolbu sabiex tiġi trasferita għaż-żona li toħroġ minn Triq Tumbarellu għall-Dawret Ħal Għaxaq minħabba parkeġġ illegali li qed joħloq ostaklu għall-vetturi li jkunu jridu joħorġu mill-istess triq. Il-Kunsill qabel.

46.6.8 Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qed jitlob lill-Perit sabiex jipprepara l-BOQ sabiex isiru t-tiswijiet fis-soqfa tat-Turretta biex inkunu nistgħu naraw kemm hemm fondi nvoluti biex isiru dawn it-tiswijiet.

46.6.9 Is-Sindku Darren Abela qal li se jagħmel meeting mal-Ministru tal-edukazzjoni biex niddiskutu dwar l-iskola.

## 46.7 <u>Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera</u>

46.7.1 Il-Vici Sindku Christine Dallu staqsiet jekk hux se jsir il-Karnival din is-sena. Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qed jikkoordina mal-Kunsillier Keith Fenech dwar meta u x'se jsir fil-Karnival.

46.7.2 Il-Kunsillier Andreas Gatt staqsa dwar jekk hemmx xi informazzjoni dwar kif se jitkompla l-proġett tal-Barrani. Is-Sindku Darren Abela qal li se jiltaqa' mal-Perit.

46.7.3 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li ssir laqgħa ma Transport Malta sabiex jiġi diskuss it-*Traffic Management Plan* minħabba li s'issa ma rċevejna l-ebda risposta dwarha.

## 46.8 <u>Mozzjonijiet</u>

46.8.1 Annessi mal-Minuti

**46.9 <u>Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

46.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 10 ta' Mejju 2022 fil-5.30pm

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 46**

**Mozzjoni Ref:** 46-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 45

| | |
|---|---|
| **Christine Dalli**<br>**Proponent** | **Rose Agius**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 12 t' April 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 46**

**Mozzjoni Ref:** 46-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 46/08

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

**Data:** 12 t’April 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**